REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2072

tas-27 ta' Settembru 2023

li jħassar id-dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indonezja imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1194/2013

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

(1) Bir-Regolament Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 il-Kunsill jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u mill-Indonezja ([2]) ("ir-Regolament oriġinali"). Dan ir-Regolament daħal fis-seħħ fl-27 ta' Novembru 2013.

(2) Fil-15 ta' Settembru 2016, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti Ġenerali") tat sentenzi fil-kawżi T-80/14 ([3]), T-111/14 sa T-121/14 ([4]) u T-139/14 ([5]) (iktar 'il quddiem "is-sentenzi") li annullaw l-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament oriġinali safejn applikaw għar-rikorrenti f'dawk il-kawżi (iktar 'il quddiem "il-produtturi esportaturi konċernati") ([6]). Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kien inizjalment appella s-sentenzi iżda wara d-deċiżjoni tal-Kunsill fl-2018 li jirtira l-appelli tiegħu, is-sentenzi saru definittivi u vinkolanti mid-data tal-għoti tagħhom.

(3) Fis-26 ta' Ottubru 2016 il-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO (DSB - Dispute Settlement Body) adotta r-rapport tal-bord, kif immodifikat mir-rapport tal-Korp tal-Appell ("ir-Rapporti tal-Arġentina"), fit-tilwima tal-Unjoni Ewropea — il-Miżuri Antidumping fuq il-Bijodiżil mill-Arġentina (DS473) ([7]). Fost affarijiet oħra, ir-rapporti sabu li l-aġġustament tal-kost imwettaq mill-UE meta imponiet dazji anti-dumping fuq il-bijodiżil li joriġina mill-Arġentina kien inkompatibbli mal-liġi tad-WTO.

(4) Fit-18 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1578 li jimplimenta s-sejbiet tad-DSB f'DS473 u li jemenda r-Regolament oriġinali f'dak li għandu x'jaqsam mal-importazzjonijiet mill-Arġentina ([8]) ("ir-Regolament emendatorju").

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1194/2013 tad-19 ta' Novembru 2013 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indonezja (ĠU L 315, 26.11.2013, p. 2).

([3]) Il-Kawża T-80/14, PT Musim Mas vs il-Kunsill.

([4]) Il-Kawża T-111/14 Unitec Bio SA vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kawżi T-112/14 sa T-116/14 u T-119/14, Molinos Río de la Plata SA u Oħrajn vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kawża T-117/14, Cargill SACI vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kawża T-118/14, LDC Argentina SA vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kawża T-120/14, PT Ciliandra Perkasa vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kawża T-121/14, PT Pelita Agung Agrindustri vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

([5]) Il-Kawża T-139/14, PT Wilmar Bioenergi Indonesia u PT Wilmar Nabati Indonesia vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

([6]) Il-produtturi esportaturi Arġentini Unitec Bio SA, Molinos Rio de la Plata SA, Oleaginosa Moreno Hermanos SACIFI y A, Vicentin SAIC, Aceitera General Deheza SA, Bunge Argentina SA, Cargill SACI, Louis Dreyfus Commodities S.A. (LDC Argentina SA), u l-produtturi esportaturi Indonežjani PT Pelita Agung Agrindustri, PT Ciliandra Perkasa, PT Wilmar Bioenergi Indonesia, PT Wilmar Nabati Indonesia, PT Perindustrian dan Perdagangan Musim Semi Mas (PT Musim Mas).

([7]) WTO, Report of the Appellate Body, AB-2016-4, WT/DS473/AB/R, is-6 ta' Ottubru 2016, u WTO, Report of the Panel, WT/DS473/R, id-29 ta' Marzu 2016.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1578 tat-18 ta' Settembru 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indonezja (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 9).

(5) Fit-28 ta' Frar 2018, id-DSB adotta wkoll ir-rapport tal-bord fil-Kawża l-Unjoni Ewropea — il-Miżuri Anti-dumping fit-tilwima dwar il-bijodiżil mill-Indoneżja (DS480), ("ir-Rapport tal-Indoneżja") ([9]). La l-Indoneżja u lanqas l-UE ma appellaw dak ir-rapport li s-sejba ewlenija tiegħu kienet simili għal dik fid-DS473, b'mod partikolari li l-aġġustament tal-kost imwettaq mill-UE fir-rigward tal-importazzjonijiet Indoneżjani kien inkompatibbli mal-liġi tad-WTO.

(6) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1570 ([10]), il-Kummissjoni temmet il-proċedimenti li jikkonċernaw l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja u ħassret ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013.

(7) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1570, il-Kummissjoni ordnat lill-awtoritajiet doganali li d-dazji anti-dumping definittivi mħallsa skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 dwar importazzjonijiet ta' bijodiżil mill-Arġentina u mill-Indoneżja u d-dazji provviżorji miġbura definittivament skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, għandhom jiġu rrimborżati jew jitnaqqsu minħabba li jirrelataw ma' importazzjonijiet ta' bijodiżil mibjugħ għal esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-produtturi esportaturi fl-Arġentina u fl-Indoneżja li kienu kkontestaw b'suċċess ir-regolament oriġinali quddiem il-Qorti ([11]). Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni sabet li d-dazji anti-dumping li kienu ġew imposti fuq kumpaniji oħra kienu nġabru legalment skont id-dritt tal-Unjoni u jenħtieġ li ma jitħallsux lura jew jiġu rimessi. Ir-rimborż jew tnaqqis kellu jintalab mill-awtoritajiet doganali nazzjonali skont il-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

(8) Fit-22 ta' Ġunju 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-Kawża C-268/22, *Vitol vs Belgische Staat,* ([12]) dwar talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") min-*Nederlandstalige rechtbank eerste aanleg Brussel*, li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1578, huwa invalidu. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li l-konklużjonijiet xierqa kollha jridu jinsiltu mis-sejbiet magħmula kemm mill-Qorti Ġenerali kif ukoll mill-Kummissjoni nnifisha wara l-ftuħ mill-ġdid, f'Mejju 2018, tal-investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u mill-Indoneżja ([13]).

(9) Skont l-Artikolu 266 tat-TFUE, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma meħtieġa jieħdu l-passi meħtieġa biex jikkonformaw mas-sentenzi tal-Qorti.

(10) Il-Kummissjoni fakkret li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013, kif emendat, tħassar mill-20 ta' Ottubru 2018 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1570. Madankollu, is-sentenza fil-kawża C-268/22 għandha l-effett li tinvalida r-Regolament oriġinali, kif emendat fl-2017, *erga omnes* u *ex-tunc*. Fi kliem ieħor, id-deċiżjoni hija applikabbli għall-partijiet kollha u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013, kif emendat, jitqies bħala invalidu mill-jum li fih daħal fis-seħħ fir-rigward tal-partijiet kollha.

(11) Il-Kummissjoni qieset li l-iżbalji misjuba mill-Qorti ma jistgħux jiġu rrimedjati b'tali mod li l-applikazzjoni korretta tar-regoli ma setgħetx tiġġustifika l-impożizzjoni mill-ġdid tal-miżuri. Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1578, għandu jitħassar fl-intier tiegħu b'effett mis-27 ta' Novembru 2013. Barra minn hekk, kwalunkwe dazju definittiv imħallas, u dazju provviżorju miġbur skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013, kif emendat, għandhom jitħallsu lura jew jinħafru skont il-leġiżlazzjoni doganali applikabbli. Minn dan jirriżulta, b'mod partikolari, li kull operatur li jkun ħallas dawn id-dazji jista', bħala prinċipju, jitlob ir-rimbors tagħhom biss jekk u sa fejn il-perijodu ta' tliet snin previst għal dan il-għan fl-Artikolu 121(1)(a) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ma jkunx skada. Il-fatt li r-Regolament (UE) Nru 1194/2013 ġie ddikjarat invalidu (inkluż b'effett *erga omnes*) ma jirrappreżentax ċirkostanza imprevedibbli jew force majeure li tippermetti estensjoni ta' dan il-perjodu skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 121(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

([9]) WTO, Report of the Panel, WT/DS480/R, il-25 ta' Jannar 2018.

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1570 tat-18 ta' Ottubru 2018 li jtemm il-proċedimenti li jikkonċernaw l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw fl-Arġentina u l-Indoneżja u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 (ĠU L 262, 19.10.2018, p. 40).

([11]) Ara n-nota 6 f'qiegħ il-paġna hawn fuq.

([12]) Is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2023, VITOL, C-268/22, mhux ippubblikata, ECLI:EU:C:2023:508.

([13]) *Ibidem*, il-para. 71.

(12) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]) meta jkollu jiġi rrimborżat ammont wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li għandu jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-kapital tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(13) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1578, jitħassru mis-27 ta' Novembru 2013.

2. Kwalunkwe dazju anti-dumping imħallas skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1578, għandu jitħallas lura jew jitnaqqas f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([14]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).